MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2013

Numru. 571/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Godwin Scerri)**

**vs**

**MARIO CAMPOLO**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Mario Campolo, iben Gaetano u Rosaria xebba Luca, imwieled f'Catania fi 11 ta' Awwissu 1973 u residenti gewwa 48A, Sqaq Brittaniku No 2 Tarxien, detentur ta' karta ta' identita' nru 17382(A).

Akkuzat talli fix-xahar ta' Mejju, 2013 b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozzjoni tal-ligi, min gewwa 'Tuaco Opticians'

sitwat fi Triq Melita, Valletta ikkommetta serq ikwalifikat bil-valur u dan ghad-detriment ta’ Adrienne Despott, bi ksur ta’ artikolu 18 u 261c tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

u aktar talli fix-xahar ta’ Mejju, 2013 naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Magistrat Dr Edwina Grima LL.D. fid-Digriet taghha ghall-liberta’ provizorja datat 28 ta’ Marzu, 2012 fil-kawza fl-ismijiet “Il-Pulizija vs Mario Campolo”.

U aktar talli b’hekk fl-istess, data, hin, lok u cirkostanzi sar recidiv ai termini ta’ artikolu 49, 50 u 289 dan bi ksur tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali li jinsab a fol. 6 tal-Process u nnutat li l-imputat Mario Campolo m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fl-ezami tal-imputat li sar fis-Seduta tallum l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur ghall-Prosekuzzjoni b’referenza ghad-Digriet ghall-helsien mill-arrest tal-imputat ippresentat illum bhala Dok. SP 2 u li jirrigwarda it-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat, iddikjara li l-Prosekuzzjoni ma tinsistix li l-Qorti tordna li s-somma totali ta’ €10,500 inkwantu ghal € 500 depositu u €10,000 garanzija personali, jghaddu favur il-Gvern ta’

Malta u ghaldaqstant talab li l-Qorti tastjeni milli taghti Provvediment rigward it-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat inkwantu li l-Qorti tordna li l-imsemmi depositu ta' €500 u €10,000 garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-Prosekuzzjoni u d-Difiza iddikajraw li huma konsapevoli li l-imputat ghandu problema serja ta' abbuz mid-droga.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.
Rat l-artikoli 17, 18, 31, 261(c), 267, 279, 49, 50, 289, 578 u 579(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Issib lill-imputat Mario Campolo, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza tikkundanna lill-imsemmi imputat Mario Campolo ghall-piena komplessiva ta' tmintax (18) -il xahar prigunerija.
Inoltre rigward it-tieni (2) akkuza migjuba kontra l-imputat Mario Campolo l-Qorti tirrevoka 'contratio imperio' id-digriet tal-helsien mill-arrest tal-imsemmi imputat datat 28 ta' Marzu, 2012 per Magistrat Dr. Edwina Grima LL.D. fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Mario Campolo" u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi Mario Campolo.
Fid-dawl ta' dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur ghall-Prosekuzzjoni fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza li l-Qorti tastjeni milli taghti Provvediment rigward din it-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat inkwantu li l-Qorti tordna li l-imsemmi depositu ta' €500 u €10,000 garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta, il-Qorti tastjeni milli taghti tali Provvediment.
Finalment il-Qorti tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex jara li l-imputat Mario Campolo jinghata assistenza biex jeghleb il-vizzju tad-droga.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------